MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 487/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd. (C 507)**

**vs**

**Stephan Xuereb**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1,625) rapprezentanti import ta' tlettax-il (13) kambjala, kollha ta' Lm125-il wahda, debitament accettati u skaduti minn April, 2002, sa' April, 2003, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 13 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza li sal-24 ta' Settembru, 2003 jammontaw ghal Lm138, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effetiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqss u ma deherx, la fis-16 ta' Marzu, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------